KUNSILL LOKALI LOCAL COUNCIL

RABAT
*Citta' Victoria*

KLR 57/VII/2017

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ġimgħa 3 ta' Novembru 2017 fis-19.15.

PREŻENTI: Is-Sindku Dott. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri, Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ u Anthony Briffa u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATA: Il-membri Maria Portelli u Marċel Tabone.

Wara l-qtil tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia nhar is-16 ta' Ottubru 2017 u kif dikjarat mill-Gvern, illum hi ġurnata ta' luttu u l-Kunsill żamm minuta silenzju qabel bdiet il-laqgħa.

**57.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**57.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

57.2.1 Daniel Ciappara, Kordinatur għall-Komunikazzjoni fi ħdan is-Segretarjat Parlamentari għal Gvern Lokali u Komunitajiet. L-Onor. Silvio Parnis qed jistieden il-Kunsilli Lokali sabiex jibagħtu s-suġġerimenti tagħhom bil-għan li jiġu nklużi fir-riforma tal-Kunsilli Lokali. Il-membri qablu lil-Kunsill għandu jissuġġerixxi ż-żieda fl-allokazzjoni u fondi addizjonali minħabbha l-influss ta' turisiti kemm Maltin u kemm barranin li r-Rabat jilqa' ta' kuljum matul is-sena kollha;

57.2.2 id-Dipartiment għal-Gvern Lokali – Ċirkulari 30/2017 – 'Twettiq ta' proġetti utli għall-komunita' bla spejjeż għall-Kunsilli Lokali';

57.2.3 Vicky Xuereb, Direttur Eko Għawdex rigward skema ta' restawr ta' postijiet storiċi. Il-membri qablu li tiġi restawrata n-niċċa tal-Madonna ta' Loreto ta' Triq Għajn Qatet. Il-Perit għandu jħejji r-rapport fuq l-istat ta' din in-niċċa u anke' tiġi sottomessa l-applikazzjoni mal-Awotrita' tal-Ippjanar;

57.2.4 l-Avukat Carmelo Galea li kiteb għan-nom ta' Vincent Galea ta' 'Ritz Snack Bar' ta' Triq Dun Karl Bondi. Dan qed jgħid li l-*bye-law* li l-Kunsill għamel rigward ix-xorb alkoħoliku ser taffetwa n-negozju tas-Sur Galea. L-Avukat ser tirrispondi rigward il-materja;

27.2.5 l-Awtorita' tal-Ippjanar rigward PC 0051/17 – *to establish official street alignment* at Triq l-Arċisqof Pietu Pace;

**Banca Giuratale, Pjazza Indipendenza, Rabat VCT 1020 Għawdex, Malta**
**Tel. No. +356 21563344 Fax No. +356 21563355**
**E-mail :- rabat.gozo.lc@gov.mt Website:- www.victoria.org.mt**
**Dr Samuel Azzopardi – Sindku Josef Schembri – Vici Sindku**
**Kunsilliera – Joseph Debrincat, Maria Portelli, Michel Buttigieg, Anthony Briffa, Marcel Tabone.**

27.2.6 Colleen Bower l-organiżżatur ta' 'Science in The Citadel'. Il-Kunsill ġie mistieden jipparteċipa f'dan l-avveniment u l-membri qablu li l-Kunsill jara f'hix jista' jkun imdaħħal;

27.2.7 Marika Inguanez mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u x-Xogħol rigward n-nomina tal-President tal-Kunsill Skolastiku tal-Iskola Primarja tar-Rabat. Il-membri ġew mgħarrfa li l-persuna li trid tiġi nominata ma jistax ikollha t-tfal studenti f'din l-iskola. Il-membri qablu li jiġi nominat Lawrence Saliba li jieħu ħsieb il-'Victoria Scout Group';

27.2.8 Steve Pace fejn issuġġerixxa li jorganizza korsijiet tal-kompjuter għal-adulti. Il-membri qablu li l-Kunsill jara dan x'jinvolvi;

27.2.9 Raymond Caruana li ser jiġbor il-poeżiji tiegħu fi ktieb bl-isem "Il-Ħajja Bħal Fjuri". Il-membri qablu li jinxtraw 10 kotba;

27.2.10 l-Uffiċċju tal-Anzjani rigward kors tal-Universita' tat-tielet eta' f'Għawdex 2017/2018;

27.2.11 il-President tal-Moviment Kerygma rigward il-Premju Żagħżugħ tas-Sena 2017;

27.2.12 l-Arċipriet tal-Katidaral fejn ssuġġerixxa li tabella ta' ħanut fi Triq Aġius De Soldanis issir b'mod li meta tgħaddi xi puċissjoni minn din it-triq, din it-tabella tkun tista' tiddawwar lejn il-ħajt. Sid il-ħanut għandu jiġi mgħarraf b'dan.

27.2.13 Mro. Antoine Mercieca fejn introduċa l-'Atonal Band' li hu jieħu ħsieb;

27.2.14 George Gusman li ressaq suġġerimenti rigward il-problemi għall-parkeġġ li jsibu residenti taċ-ċentru tar-Rabat;

27.2.15 Dr. Joseph Borg rigward suġġerimenti ta' titjijb li jista' jsir fl-*area* tal-parkeġġi u t-toroq ta' wara l-*bus terminus.*

27.2.16 Is-Sindku għarraf lill-membri bil-ftehim rigward l-ammont ta' €22,298.42 li għandu jitħalas lura lill-EkoGħawdex. Sar ftehim li dan jitħallas fi żmien sena maqsum f'żewġ pagamenti.

**57.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

57.3.1 Ġie mistoqsi jekk inħarġux xi permessi għall-trukkijeit li minnhom jinbiegħu il-ħwejjeġ fil-parkeġġ il-kbir ta'wara l-*bus terminus* kull nhar ta' Tnejn. Dan mhux minnu u l-membri qablu li għandhom isiru r-rapporti neċessarji lill-Pulizija.

57.3.2 Ġie nnutat li fi Pjazza Inidpendenza qed jerġa jkun hemm il-bejjiegħa tal-ħut. Il-membri qablu li għandhom isiru r-rapport neċessarji.

57.3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li nħarġet l-offerta għal-xogħolijeit fi Triq Sir Arturo Mercieca, liema xogħolijiet ser ikunu koperti mill-inizjattiva finanzjarja – Għoti mill-ġdid ta' tarmak lil toroq fir-responsabbilita' tal-Kunsilli Lokali.

57.3.4 Ġie mistoqsi rigward il-plier li kien jinsab l-isfel mill-kappella ta' Santa Martha fi Triq l-Arċisqof Pietru Paċe. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jistaqsi lill-Minsiteru għal Għawdex f'dan ir-rigward.

57.3.5 Ir-riżultat tas-survej li sar minn 'Communique' wara li sar il-proġett tal-ERDF jinsab anness f'dokument A.

**57.4 Monti**

Il-membri qablu li kif titlob il-liġi għandha tiġi publikata l-lista tal-bejjiegħa tal-monti fuq il-gazzetta tal-Gvern.

Il-membri ġew mgħarrfa li wara rikors li sar il-kawża tal-monti ġiet diferita għal nhar il-Ġimgħa 2 ta' Marzu 2018.

Il-Kunsill iddikjara li hu miftuħ għat-tabla minn naħa ta' wħud mill-bejjiegħa tal-monti sabiex ikunu rappreżentati minn kumitat iffurmat minnhom sabiex tiġi diskussa sistemazzjni aħjar fi Pjazza Savina. Dan kif titlob il-liġi.

**57.5 *Playing Field***

Il-Perit għarraf lill-membri li l-kuntrattur għamel parti mill-*fence* ta' barra tal-*playing field.* Irriżulta li billi l-*fence* irid isir għoli sabiex ikun diffiċli li taqbżu, l-parti ta' fuq mhix soda biżżejjed. Il-Perit issuġġerixxa li tiġi rinforzata. L-ispejjes biex isir dan huma ta' €3,947.10. Dan kif kwotat mill-istess kuntrattur li ħa l-offerta tal-*fence*. Il-membri qablu li billi m'hemmx triq oħra, dan ix-xogħol għandu jsir u jitlesta mill-aktar fis.

**57.6 *New Year's Eve in the City***

Is-Sindku għarraf lill-membri li għal din is-sena wkoll, il-Minsiteru għal Għawdex ser jgħati l-għajnuna tiegħu sabiex issir l-attivita' ta' lejliet l-ewwel tas-sena fi Pjazza Indipendenza u Pjazza San Ġorġ. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser jinħarġu l-offerti u l-kowtazzjonijiet neċessarji għal-kiri ta' tined, palkijiet, *sound* u dwal.

**57.7 *Weekend Break* Kulturali għar-Residenti**

Il-membri qablu li jiġi organiżżat *weekend break* kulturali għar-residenti bejn il-Ġimgħa 24 u l-Ħadd 26 ta' Novembru 2017. Dan skont il-programm anness f'dokument B.

**57.8 Pjazza San Ġorġ – tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet**

Il-membri qablu li l-Perit tal-Kunsill għandu jesplora u jħejji pjanta rigward sistemazzjoni aħjar tal-imwejjed u s-siġġijiet ta' Pjazza San Ġorġ. Dan peress li kull ma jmur qed jiżdiedu l-ħwienet tal-*catering* f'din il-pjazza u għalhekk qed tiżdied id-domada għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet fi Pjazza San Ġorġ.

**57.9 Immaniġjar tat-Traffiku**

*Transport Malta* (TM) ħarġet permess għall-:-

57.9.1 *traffic mirror* fi Triq il-Kunsill Ċiviku faċċata tal Triq tal-Far;
57.9.2 *one metre double yellow lines* fuq iż-żewġ naħat tal-garax ta' 'St. Joseph' fi Triq il-Kunsill Ċiviku;
57.9.3 *one metre double yellow lines* fuq iż-żewġ naħħat ta' garaxx fi Triq Borġ Geritu;
57.9.4 *keep clear bay* għal sena quddiem id-dar ta' Carmela Farrugia 44/46 fi Triq Sir Luiġi Camilleri,
57.9.5 parkeġġ riservat għall-*electric car* fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus*;

Il-Kunsill talab il-permess ta' TM għall:-

57.9.6 *pedestrian crossing* fi Triq Sir Paul Boffa qrib iċ-'Ċentru Rgħaj it-Tajjeb'. TM talbet li ssir pjanta tal-Perit u l-membri qablu;
57.9.7 kaxxa safra riservata għall-persuni b'diżabilita' quddiem 68, Triq Mattia Preti;
57.9.8 *un/laoding bay* quddiem l-*istores* ta' 'Tarsons Ltd.' fi Triq San Ġwann Bosco;
57.9.9 *un/loading bay* quddiem 'Right Click' fi Triq Mary Meilak;
57.9.10 *one metre double yellow lines* biswit il-garaxx tad-dar 'Franco' fi Triq il-Kapuċċini;
57.9.11 aċċess għal siġġu tar-roti quddiem rampa fejn blokk L f'taċ-Ċawla H.E. TM talbu li min ressaq is-suġġeriment għandu jipprovdi ċ-ċertifikat mediku u l-*blue sticker*.

57.9 TM bagħtet talba għall-parkeġġ riservat għall-perunsi b'diżabilita' quddiem id-dar ta' Maria Ċettina Abela ta' 139, 'L-Immakulata' fi Triq it-Tabib Anton Tabone. Il-Kunsill jimla' l-formola rikjesta minn TM;

57.9. TM bagħtet talba għall-parkeġġ riservat għall-perunsi b'diżabilita' quddiem id-dar ta' Josephin Briffa ta' 122, Flat. 6, Triq ir-Repubblika. Il-Kunsill jimla' l-formola rikjesta minn TM.

57.9. Il-Kunsill talab lill-TM jekk il-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem 11, 'Mount Carmel' fi Triq San Duminku, huwiex bil-permess u fuq min qiegħed.

59.9. Il-Kunsill talab il-parir ta' TM sabiex tinstab soluzzjoni għall-periklu li hemm għall-pedonali li jkunu jridu jaqsmu minn Triq San Ġwann Bosco lejn Triq San Ġwann u viċiversa. Dawn it-toroq jintużaw minn bosta anzjani u anke' tfal li jifrekwentaw il-grawnd tal-Oratorju Don Bosco.

59.9. Tressqu l-veduti tar-residenti ta' Triq Vajringa fir-rigward tal-proposta sabiex issiru *rumble strips* fil-bidu tat-triq n-naħħa ta' Pjazza San Franġisk.

**57.10 *Performance Bonus***

Il-membri qablu li jingħata l-massimu tal-*Performance Bonus* lill-ħaddiema tal-Kunsill. Waqt li kien qed jiġi diskuss dan l-item s-Segretarju Eżekuttiv ħarġet mill-kamra.

### 57.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Novembru 2017 skont dokument A anness.

### 57.12 Xogħolijiet oħra

57.12.1 Il-Kunsill irċieva lment minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex fejn ġie rappurtat li Triq Wied Żejta għandha bżonn titranġa. Il-Kunsill m'għandux fondi sabiex jaqla u jibni t-triq mill-ġdid. L-istess triq qatt ma kellha tarmak u għadha mhix mibnija fil-maġġoranza tagħħha. Il-Kunsill ser jagħmel *patching* fil-partijiet li għandhom l-aktar ħsara.

57.12.2 Rigward n-nuqqas ta' dawl fi Triq Karolina Cauchi, l-Inġinier Mizzi mill-Enemalta għarraf lill-Kunsill li meta arblu jitpoġġa mill-Kunsill id-*demarcation box* ma tistax teħel ma l-arblu. Sadanittant sid id-dar 'St. Laurence' aċċetta li d-*demarcaton box* teħel mal-propjeta' tiegħu li hu garaxx n-naħħa l-oħra tat-triq fejn kien hemm il-bozza oriġinarjament. Il-Kunsill talab stima tax-xogħol biex ikun jista' jsir arblu ġdid ma din il-propjeta'.

Il-membri qablu li:-

57.12.3 Wara li għalqet l-offerta għax-xiri ta' *litter bins* u wara li ttieħed in konsiderazzjoni r-rapport tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni għandhom jinxtraw sitt *litter bins* :-

- għaċ-ċentru tar-Rabat mingħand 'SR Environmental Solution Ltd.' għall-prezz ta' €5,640,
- għall-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus* mingħand 'Green Skip Services Ltd' għall-prezz ta' €1,189.44 u
- għall-*playing field* mingħand 'SR Environmental Solutions Ltd.' għall-prezz ta' €2,256;

57.12.4 jsir Seminar tal-Presepju nhar id-19 ta' Novembru 2017 fis-sala tal-Kunsill. Dan ser jiġi mtella' mill-Għaqda Ħbieb tal-Presepju. Il-ħlas għal dan is-servizz ser ikun ta' €100;

57.12.5 titranġa bankina perikoluża li qedgħa quddiem 'Fexserv Financial Services' fi Triq Palma;

57.12.5 il-Kunsill jipparteċipa fil-kampanja 'Tetra għall-Istrina';

57.12.6 il-Kunsill jipparteċipa fil-kampanja 'Sejħet is-Siġar' mnegħdija mis-Segretarjat għall-Gvern Lokali;

57.12.7 jiġi mġedded il-*vacation leave* tal-impjegati skont kif jitolbu r-regolamenti;

57.12.8 titranġa bankina fi Triq Vajrinġa quddiem id-dar 99 u 100;

57.12.9 titranġa għatba quddiem il-ħanut 'Trovarsi' fi Triq is-Suq;

57.12.10 jinbidel il-madum ta' bankina fi Triq it-8 ta' Diċembru. Dan biex jiġi pariġġ iż-żewġ banikini ta' maġenbha;

### 57.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa spiċċat fid-21.00 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 7 ta' Diċembru 2017 fis-18.00.

Av. Samuel Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv